MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2007

Numru 717/2007

Il-Pulizija
(Spettur Edel M Camilleri)
Vs
Matteo Alfredo Formentini

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Matteo Alfredo Formentini detentur ta' karta ta' identita' numru AN 2046036, akkuzat talli fil-25 ta' Awissu 2007, f'dawn il-Gzejjer u cioe' fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, b'imgieba ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra xi propjeta' tieghu, meta kien jaf jew meta kien messu kien jaf li dik l-imgieba se tikkaguna lil haddiehor biza'. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti spjegatlu bil-lingwa li jifhem l-konsegwenzi tal-ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija bazata limitatament fuq l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali li jittratta fuq persuna li l-imgieba tikkaguna biza fuq haddiehor.

Il-fatti li taw segwitu ghall-akkuza graw l-ajruport meta l-imputat fil-hin li kien qieghed jghaddi l-'haversack' mill-magna tal-x-ray stqarr li kellu bomba fih. L-imputat jghid li dan qalu skerzosament. Il-Qorti temmnu izda ma tahsibx u ma tistax tapprova li skerzi bhal dawn ghandhom jigu tollerati f'ambjenti li huma sensittivi minhabba kwistjoni ta' sigurta' ta' eluf ta' nies li jittransitawhom.

Tenut kont l-eta' tal-imputat u wara li rat l-Artikolu 251B tal-Kap 9 qeghdha issibu hati izda tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------